MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 420/2008

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Anthony Bartolo, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Diċembru, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-11 ta’ Mejju, 2008 għal ħabta ta’ bejn is-1.00 a.m. u is-2.00 a.m. waqt li kien fil-post magħruf bħala ‘Incognito Bar & Restaurant’ li qiegħed fi Triq il-Fliegu, Buġibba bil-ħsieb li jagħmel offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alexander Taliana, wera dan il-ħsieb b’atti esterjuri u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi xejjer għal diversi drabi arma li taqta’ u bil-ponta (flick-knife) fid-direzzjoni ta’ l-imsemmi Alexander Taliana li

jaħdem bħala security officer fl-imsemmi post, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin u lok waqt li kien sejjer jikkometti l-imsemmi delitt ġarr u kellu fil-pussess tiegħu, arma regolari (flick-knife);
3. talli wkoll ġarr u kellu fil-pussess tiegħu l-imsemmija arma mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli f'xi ħin qabel ikkometta dan id-delitt, waqt li kien ġewwa l-imsemmi fond, pejjep sigaretti jew xi tabakk ieħor wara li ġie mwissi għal diversi drabi sabiex ma jagħmilx dan;
5. talli qal kliem oxxen u dagħa faħxi fil-pubbliku;
6. talli hedded għal diversi drabi lill-imsemmi Alexander Taliana;
7. talli kiser il-paċi pubblika bl-għajjat u bil-ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-ewwel akkuża ma ħiets pruvata. Fil-waqt li l-akkużi kollha jirrizultaw pruvati skond il-liġi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 338(bb)(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 5(1) u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-Regolament 4 ta' l-A.L. 414 ta' l-2004. Tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mija u ħamsin euro (€350). Tordna l-konfiska tal-arma eżebita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------